# L-Eżami ta' Nofs is-Sena
# IL-MALTI
# 2016 - 2017

**IL-LIVELLI 7-8**

| IS-SEBA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ____________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 10 | 15 | 5 | 15 | 15 | 20 | |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

## FEHIM MILL-QARI 10 marki

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**IL-BNIEDEM U L-FLUS**

Darba waħda raġel tal-familja kien qiegħed fl-għarix tiegħu mdawwar b'uliedu. Sema' l-bieb iħabbat u xi ħadd staqsieh: "Hawn xi ħadd?" *(par. 1)*

"Min hemm jidħol," wieġbu r-raġel. *(par. 2)*

"Jien jisimni Flus, u ġejt għandek biex inservik f'kull ma jkollok bżonn. Iżda ma nidħolx ġewwa qabel ma niftiehmu x'se jkun ix-xogħol tiegħi għandek!" *(par. 3)*

"Dak li trid tkun taf? Malajr se ngħidlek. L-ewwelnett immaġina li din id-dar hija tiegħek. Għada mmorru flimkien f'ħanut biex nixtru ħafna ħwejjeġ: ilbiesi, qomos, qliezet, kappell u żraben, bħal dawk li jilbsu l-Ewropej. Irrid nixtri wkoll l-isbaħ ilbiesi għal marti. Wara dan nibqgħu sejrin nixtru r-ross, iż-żejt, il-butir, it-te, iz-zokkor u l-laħam biex ikolli x'niekol għal xahar sħiħ. Wara dan biħsiebni nistieden lill-ħbieb tiegħi f'dari, u neħodhom fil-ħanut u nħallsilhom ilkoll ix-xorb. Wara mmorru nippassiġġaw kif jagħmlu l-Ewropej li jiġu f'artna. Dak kulma se nitolbok!"
*(par. 4)*

Il-Flus baqa' jisma' mingħajr ma qal kelma. Meta spiċċa qallu: "Miniex se nidħol għandek. Jekk nidħol mhux se jkolli ħajja twila miegħek. Fi żmien qasir nimrad u mmut qasir il-għomor. Saħħa, se nipprova mmur xi mkien ieħor. *(par. 5)*

Il-Flus ħabbat bieb ieħor u għamel l-istess mistoqsijiet li għamel lill-ewwel wieħed. It-tieni wieħed beda b'dan il-kliem: "La għoġbok tiġi għandi se nistmak bħala mistieden. Insiblek kaxxa biex inqiegħdek fiha; jew jekk tħossok aħjar, inħaffirlek ħofra u naħbik fiha. Miniex biħsiebni nieqaf mix-xogħol tiegħi u nużak biex nitma' l-familja. Għada biħsiebni nieħu ftit minnek biex inkun nista' nibni dar żgħira fejn noqogħdu u noħorġu minn dan l-għarix, li qed jaqa' biċċa biċċa. Fid-dar il-ġdida nkunu nistgħu ngħixu inti, marti, uliedi u jien. Jekk jirnexxili, nibni oħra biex inkun nista' nikriha u bil-qligħ tagħha nżid is-somma u nkabbar lilek. Jekk nisma' li xi ħadd ikun irid ibigħ l-għalqa, nipprova nixtriha u nikkultivaha biex lilek inżidek."
*(par. 6)*

Il-Flus ma ħalliehx ikompli jgħid, u kien pront qallu: "F'darek sibt il-qagħda u l-mistrieħ tiegħi. Se nidħol għandek biex qatt ma ninfired minnek." *(par. 7)*

(minn **Ħrejjef Afrikani, Volum 2** ta' Camilleri, E.)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Kemm-il familja mar iħabbat għandha l-Flus?

---

2. Li kieku kellek tiddeskrivi lilek innifsek bħala persuna għaqlija, lil min kont tixbah mill-familji li l-Flus għażel iħabbat għandhom?

---

3. Li kieku kellek tiddeskrivi lilek innifsek bħala persuna ħalja, lil min, mill-familji li l-Flus għażel biex imur iħabbat għandhom, kont tkun tixbah?

4. X'tip ta' nies mar ifittex il-Flus?

5. Fejn kienu joqogħdu dawn in-nies qabel mar għandhom il-Flus?

6. X'servizz kien qiegħed joffri l-Flus lil min iżuru?

7. X'kundizzjoni kien qiegħed jagħmel il-Flus biex imur joqgħod għand xi ħadd?

8. Liema kwalità tbeżża' lill-Flus?

9. Semmi żewġ proposti differenti li kont tagħmel lill-Flus li kieku kellu jiġi jħabbat għandek, **u** agħti r-raġunijiet personali tiegħek għaliex għażilthom.

(a)

(b)

| **GRAMMATIKA** | 15-il marka |
|---|---|

1. Erġa' ikteb dan il-qawl bla żbalji: Lilbis jamlek nis.

   _______________ _________________ __________ . (2 marki)

2. Żid l-ittri neqsin f'din il-kitba: _l-Flus ma mar_ _ħabbat għan_ i_-sinjur_, _mma għan_ _l-f_qra. M_ r__dx jinħela fi_-vojt, __al_ekk fittex familja __aql_j_ minflok waħda ħ_lj_.

   (5 marki)

3. Liema kelmiet mis-silta għandhom dawn l-Għeruq, u x'inhi l-Mamma tagħhom?

| GĦERQ | PARAGRAFU | KELMA | MAMMA |
|---|---|---|---|
| ħ-b-t | 1 | | |
| f-h-m | 3 | | |
| x-r-j | 4 | | |
| għ-j-d | 4 | | |
| b-n-j | 6 | | |

(5 marki)

4. Nissel kelmiet minn xi Għeruq magħżula minn Mistoqsija 3 biex timla l-vojt f'din is-sentenza. (Ara li tkun tagħmel sens):

   Ix-_____________ (x-r-j) u l-bejjiegħ qatt ma ______________ (f-h-m) speċjalment fejn jidħol in-negozju tal-_________ (b-n-j). (3marki)



| **KITBA FUNZJONALI** | 5 marki |
|---|---|

1. Kompli dan id-djalogu bejn Sinjur (S) u Fqir (F).
2. Tinsiex li bl-aħħar żewġ sentenzi trid tasal għal xi forma ta' għeluq.

| **KELLIEM** | **DJALOGU** |
|---|---|
| **S** | Ara kemm ilni ma narak! X'minnek? |
| **F** | Ma tantx għandi biex niftaħar. Dejjem l-istess ħajti! |
| **S** | |
| **F** | |
| **S** | |
| **F** | |
| **S** | |
| **F** | |
| **S** | |
| **F** | |
| **S** | |
| **F** | |

| **POEŻIJA** | 15-il marka |
| --- | --- |

1. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

TIFĦIRA LIL MALTA (Ġan Anton Vassallo)

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tagħtik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

a. Lil min qed jindirizza l-poeta? Ikkwota frażi li turi dan.

______________________________________________________________

______________________________________________________ 2 marki

b. Spjega l-frażi "L-ogħna dawl".

______________________________________________________________marka

ċ. Xi jrid iwassal il-poeta permezz ta' din il-poeżija? Ikkwota frażi biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________ 2 marki

2. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

LIL OMMI ta' Rużar Briffa

... Aħbili li hemm barra
Qed jokrob ir-riħ,
bħal ruħ qiegħda tfittex,
għalxejn il-mistrieħ.

Benninni, benninni,
nessini kull dieqa,
benninni, bħal meta
kont ċkejken fin-nieqa,

a. X'figura tad-diskors insibu fit-titlu tal-poeżija?

______________________________________________________________marka

b. Sib similitudni mis-silta u spjegaha:

Similitudni: ______________________________________________ marka

Spjega: ______________________________________________________

______________________________________________________ marka

ċ. X'jissejħu l-istrofi u r-rima ta' din il-poeżija (il-metrika)?

______________________________________________________ 2 marki

Ikteb il-ħsieb ta' din il-poeżija f'madwar 40 kelma.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________ 3 marki

e. Spjega l-metafora: "Aħbili li hemm barra, Qed jokrob ir-riħ,"

______________________________________________________ 2 marki

| **PROŻA** | 15-il marka |
|---|---|

(a) Min huma dawn? / Fejn qegħdin

| **Mistoqsija** | **Deskrizzjoni tal-karattru / ambjent** | **Isem** |
|---|---|---|
| 1 | Il-pjaneta li twieled fiha l-karattru prinċipali. | |
| 2 | Fejn iltaqgħu għall-ewwel darba l-karattru prinċipali u l-familja Debono. | |
| 3 | Il-karattru prinċipali. | |
| 4 | Il-ġenituri tal-familja Debono. | u |
| 5 | It-tfal tal-familja Debono. | u |
| 6 | Ir-raħal li toqgħod fih il-familja Debono. | |
| 7 | Il-ġara seksieka tal-familja Debono. | |
| 8 | Il-kelb tal-familja Debono. | |
| 9 | Il-buli tal-iskola. | |
| 10 | Sidt Daffodil. | |
| 11 | L-għalliem tal-Isports fl-iskola. | |
| 12 | Iz-ziju tal-buli tal-iskola. | |

(7 marki)

(b) Agħżel **tnejn** minn dawn it-titli u ikteb madwar **50 kelma** dwar **kull wieħed** minnhom:

1. Kif sab ruħu f'Malta l-ekstraterrestri.
2. Il-poteri li kien iħaddem l-ekstraterrestri.
3. Il-valuri u l-innoċenza li kellu l-ekstraterrestri.
4. Min huma u x'għamlu l-karattri negattivi / ħżiena tal-ktieb. (8 marki)

**KOMPONIMENT** 20 marka

**Ikteb madwar 200 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti.**

1. Dar misterjuża fl-isqaq ta' ħdejna.
2. Ikteb komponiment li jispiċċa: ... Min kellu jgħidli li kellna nerġgħu nsibu lil xulxin wara daqstant snin?